Ġabra tal-ġurisprudenza

KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
TANCHEV
ippreżentati fil-21 ta' Jannar 2021[1]

**Kawża C-279/19**

**The Commissioners for Her Majesty's Revenue and Customs**
**vs**
**WR**

(Talba għal deċiżjoni preliminari mill-Court of Appeal (il-Qorti tal-Appell, ir-Renju Unit))

(Talba għal deċiżjoni preliminari – Dazji tas-sisa – Direttiva 2008/118/KE – Persuna responsabbli għall-ħlas tad-dazji tas-sisa – Persuna li tkun qiegħda żżomm il-prodotti intiżi għall-kunsinna – Persuna li ħadet sehem fl-irregolarità – Kunċett – Trasportatur tal-prodotti – Aġent innoċenti)

1. F'din it-talba għal deċiżjoni preliminari, il-Court of Appeal (il-Qorti tal-Appell, ir-Renju Unit) tixtieq interpretazzjoni tal-Artikolu 33(3) tad-Direttiva 2008/118/KE[2]. Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' kawża bejn The Commissioners for Her Majesty's Revenue and Customs (il-Kummissarji Responsabbli għad-Dħul tal-Kuruna u għad-Dwana, iktar 'il quddiem il-"HMRC") u WR, dwar il-legalità tal-istima tad-dazju tas-sisa maħruġa lil WR fir-rigward ta' prodotti li WR ittrasporta b'mod illegali fir-Renju Unit. Essenzjalment, il-kwistjoni prinċipali hija jekk sewwieq ta' trakk (WR) li, fil-punt fejn isir dovut id-dazju tas-sisa, instab li kien fiżikament fil-pussess ta' prodotti li fir-rigward tagħhom id-dazju ma kienx tħallas, *huwiex strettament responsabbli* għall-ħlas tad-dazju taħt id-Direttiva.

## I. Il-kuntest ġuridiku

2. Għall-finijiet ta' dawn il-konklużjonijiet, huwa biżżejjed li nirreferi għall-qafas legali tal-Unjoni u dak nazzjonali kif iċċitat *in extenso* fil-paragrafi 14 sa 24 tas-sentenza tal-qorti tar-rinviju tad-19 ta' Marzu 2019[3].

[1] Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

[2] Direttiva tal-Kunsill 2008/118/KE tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-arranġamenti ġenerali għad-dazju tas-sisa u li jħassar id-Direttiva 92/12/KEE (ĠU 2009, L 9, p. 12; iktar 'il quddiem id-"Direttiva").

[3] [2019] EWCA Civ 465 (iktar 'il quddiem is-"sentenza tad-19 ta' Marzu 2019").

## II. Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

3. Fis-6 ta' Settembru 2013, vettura tqila tal-merkanzija (iktar 'il quddiem il-"VTM") li kienet qiegħda tinstaq minn WR – persuna li taħdem għal rasha – twaqqfet f'Dover Easter Docks minn uffiċjali tal-UK Border Agency (l-Aġenzija tal-Fruntieri tar-Renju Unit, iktar 'il quddiem il-"UKBA"). Il-VTM kienet mgħobbija b'26 pallet birra. WR ipproduċa lill-uffiċjali tal-UKBA nota msejħa Cargo Movement Requirement (in-nota li takkumpanja l-moviment ta' merkanzija, iktar 'il quddiem in-"nota CMR") li kienet tiddikjara li l-prodotti kienu koperti b'Dokument Amministrattiv Elettroniku li kellu numru msejjaħ Administrative Reference Code (il-kodiċi ta' referenza amministrattiv, iktar 'il quddiem l-"ARC"). In-nota CMR kienet tiddikjara wkoll li l-konsenjatur kien maħżen doganali fil-Ġermanja, u li d-destinatarja kienet Warehousing Ltd, maħżen doganali fir-Renju Unit. Għaldaqstant, *prima facie*, id-dokumentazzjoni kienet konsistenti ma' prodotti li kienu qegħdin jiġu ttrasportati taħt arranġament ta' sospensjoni tad-dazju taħt l-Artikolu 4(7) tad-Direttiva.

4. Madankollu, l-uffiċjali vverifikaw mal-EMCS (is-Sistema tal-Movimenti u tal-Kontrolli ta' Prodotti Suġġetti għas-Sisa) u stabbilixxew li l-ARC iddikjarat fuq in-nota CMR kien diġà ntuża b'rabta ma' kunsinna preċedenti ta' birra lil Seabrooks. Għaldaqstant, it-tagħbija, għall-kuntrarju tad-dokumentazzjoni, ma kinitx taħt arranġament ta' sospensjoni tad-dazju. B'hekk, meta l-prodotti waslu fir-Renju Unit, sar dovut id-dazju tas-sisa fir-Renju Unit.

5. Għaldaqstant, il-HMRC ħarġu lil WR stima ta' dazju tas-sisa fl-ammont ta' 22 779 lira sterlina (GBP) (bejn wieħed u ieħor EUR 25 200) skont ir-Regulation 13(1) u (2) of the Excise Goods (Holding, Movement and Duty Point Regulations) 2010 (ir-Regolamenti tal-2010 dwar iż-żamma, il-moviment u l-punt fejn isiru dovuti d-dazji tal-prodotti suġġetti għas-sisa), kif ukoll multa fl-ammont ta' GBP 4 897.48 (bejn wieħed u ieħor EUR 5 400) skont l-Iskeda 41 tal-Finance Act 2008 (l-Att tal-2008 dwar il-Finanzi).

6. WR appella mill-istima tas-sisa (u mill-multa) quddiem il-First-tier Tribunal (Tax Chamber) (il-Qorti tal-Ewwel Istanza (Awla Fiskali), ir-Renju Unit, iktar 'il quddiem il-"FtT"), li għamlet il-konstatazzjonijiet fattwali segwenti: WR kien sewwieq tat-trakkijiet ta' esperjenza, li kien impjegat minn kumpannija tat-trasport tal-merkanzija bejn l-2009 u l-2013 u li kien iqis lilu nnifsu bħala persuna li taħdem għal rasha mill-2013 (għalkemm kien biss fl-2015 li rreġistra bħala tali mal-awtoritajiet fiskali). Huwa kien jitħallas fi flus kontanti mingħajr ebda tnaqqis. Matul is-sena 2014, huwa ftiehem li jaħdem għal negozju li huwa kellu l-impressjoni li kien jismu "Kells" għal GBP 250 fil-ġimgħa għal jumejn jew tlieta xogħol u, fil-każ li jaħdem iktar, għal GBP 350 sa GBP 360. Ma kien hemm ebda kuntratt bil-miktub u huwa kien jitħallas fi flus kontanti jew personalment jew billi jsib il-flus moħbija fil-parkeġġ għat-trakkijiet, lesti għalih biex jiġborhom.

7. Skont il-FtT, WR kien imur ġo parkeġġ għat-trakkijiet u jiġbor trejler vojt, li huwa mbagħad kien jieħu f'parkeġġ għat-trejlers sigur f'Calais (Franza) u jibdlu ma' trejler mgħobbi bi prodotti li kellhom jiddaħħlu fir-Renju Unit. Huwa kien isib id-dokumentazzjoni għat-tagħbija f'pajp fuq il-ġenb tat-trejler u kien jagħti ħarsa lejn id-dokumentazzjoni, li kienet tikkonsisti f'nota CMR u f'nota ta' kunsinna sabiex jivverifika n-natura tal-prodotti li kien ser ikun qiegħed iġorr u d-destinazzjoni tagħhom. Fid-dinja li fiha kien jopera WR, jidher li ma kienx barra min-normali li sewwieqa ta' trakkijiet jiġu impjegati minn żmien għal żmien taħt tali arranġamenti informali (irrispettivament minn jekk iċ-ċirkustanzi kinux jiġġustifikaw din il-konklużjoni jew le) fejn dawn

is-sewwieqa ta' trakkijiet kienu jitħallsu fi flus kontanti mingħajr ebda dokumentazzjoni li tissostanzja dawn l-arranġamenti, fejn dawn ma jkollhom ebda interess fl-identità ta' min kien qiegħed jimpjegahom u jibqgħu mistura sa fejn huwa kkonċernat l-HMRC.

8. Skont il-FtT, fis-6 ta' Settembru 2013, WR ġabar kunsinna ta' birra diretta għal maħżen tas-sisa: Seabrook, fir-Renju Unit. WR, għalhekk, kien jaf li l-kunsinna kienet tikkonsisti fi prodotti suġġetti għad-dazju tas-sisa. Wara dak li ġie deskritt fil-punt 4 ta' dawn il-konklużjonijiet, l-uffiċjali tal-Border Force (il-Forza taż-Żamma tal-Ordni mal-Fruntieri, ir-Renju Unit) issekwestraw il-vettura u l-prodotti suġġetti għad-dazju tas-sisa. WR informa lill-persuna li kienet qabbditu jiġbor il-prodotti: "Des", dwar x'kien ġara u nġabar minn xi ħadd f'Dover. Huwa tħallas dak li kien dovut għal dik il-ġimgħa u ma kellu ebda kuntatt ieħor ma' Des.

9. Il-FtT kienet tal-fehma li WR ma kellux jitqies li kien assoċjat b'rabta mat-tentattiv ta' kuntrabandu. Huwa kien taħt il-kontroll ta' persuna/i responsabbli mill-organizzazzjoni tal-kuntrabandu tal-prodotti u kienu dawn il-persuni li kellhom id-dritt ta' kontroll *de facto* u legali, fuq il-prodotti fil-mument li dawn ġew issekwestrati. WR ma kellu ebda interess personali fil-prodotti, u l-uniku interess tiegħu kien li jsegwi l-istruzzjonijiet għall-ġabra u l-kunsinna tal-prodotti u li jitħallas remunerazzjoni modesta għas-servizzi tiegħu. Huwa lanqas ma kien is-sid tal-vettura. L-identità ta' dawk responsabbli għat-tentattiv ta' kuntrabandu u ta' dawk li ħadu sehem b'mod intenzjonat f'dan it-tentattiv ma tistax tiġi ddeterminata. L-unika informazzjoni li kellu WR kienet tinsab fid-dokumentazzjoni li sab meta ġabar il-prodotti u, *prima facie*, din id-dokumentazzjoni kienet konsistenti mal-moviment ta' prodotti suġġetti għal arranġament validu ta' sospensjoni tad-dazju. WR ma kellu ebda mezz li jivverifika jekk l-ARC iddikjarat fuq in-Nota CMR kienx intuża jew le. Ma kien hemm xejn fuq id-dokumenti li jġiegħluh jiddubita minnhom u ma kellux aċċess għall-EMCS.

10. B'hekk, il-FtT applikat il-ġurisprudenza tal-Criminal Division of the Court of Appeal (il-Qorti tal-Appell (Sezzjoni Kriminali), ir-Renju Unit)[4] u ddeċidiet: (i) "il-fatt li WR kien jaf jew kien imissu kien jaf li kellu fil-pussess fiżiku tiegħu prodotti ta' kuntrabandu jista' jkun suffiċjenti sabiex jikkostitwixxi 'żamma' [...] u jeskludi lil din il-persuna mill-istatus ta' 'aġent innoċenti'"; (ii) madankollu, WR kien aġent innoċenti u għalhekk ma setax jitqies li kien qiegħed "iżomm" il-prodotti jew li kien qiegħed "jikkunsinna l-prodotti" għall-finijiet tar-Regolament 13; u (iii) "l-impożizzjoni ta' responsabbiltà fuq WR fiċ-ċirkustanzi kkonstatati tqajjem dubji serji dwar il-kompatibbiltà mal-għanijiet tal-leġiżlazzjoni". Il-FtT laqa' l-appell ta' WR u annulla l-istima tad-dazju tas-sisa u l-multa.

11. Il-HMRC appellaw minn din id-deċiżjoni quddiem l-Upper Tribunal (Tax and Chancery Chamber) (il-Qorti Superjuri (Awla tat-Taxxa u tal-Ekwità), ir-Renju Unit). L-Upper Tribunal (il-Qorti Superjuri) ċaħdet l-appell tal-HMRC u kkonstatat, essenzjalment, li ma kienx hemm dritt ta' appell mill-konstatazzjonijiet fattwali tal-FtT u li għalhekk l-appell kellu jinstema' fuq il-bażi li WR la kien jaf u lanqas ma kien imissu jaf bit-tentattiv ta' kuntrabandu. Hija wkoll applikat, essenzjalment, l-eċċezzjoni ta' aġent innoċenti u kkonfermat id-deċiżjoni tal-FtT.

12. Il-HMRC appellaw minn din id-deċiżjoni quddiem il-qorti tar-rinviju (il-Court of Appeal (il-Qorti tal-Appell)). Din il-qorti ċaħdet l-appell tal-HMRC mid-deċiżjoni tal-Upper Court (il-Qorti Superjuri) fir-rigward tal-multa imposta taħt l-Iskeda 41 tal-Att tal-2008 dwar il-Finanzi. Madankollu, il-qorti tar-rinviju għandha dubji dwar il-validità tad-deċiżjoni tal-Upper Tribunal (il-Qorti Superjuri) u, b'mod partikolari, dwar il-kwistjoni jekk sewwieq ta' VTM – li

[4] Sentenza f'*Taylor and Wood* v *R* [2013] EWCA Crim 1151.

ma jkollu ebda dritt għal jew interess fil-prodotti li jkun qiegħed jittrasporta u li ma jkunx jaf jew ma jkollu ebda raġuni li jaħseb li dawn il-prodotti huma suġġetti għad-dazju tas-sisa – għandux iħallas dawn id-dazji taħt l-Artikolu 33(3) tad-Direttiva.

13. Huwa f'dan l-isfond li l-Court of Appeal (il-Qorti tal-Appell) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari segwenti:

"1. Persuna (iktar 'il quddiem "P") li jkollha l-pussess fiżiku ta' prodotti suġġetti għad-dazju tas-sisa f'punt meta d-dazju tas-sisa jsir imponibbli fuq dawn il-prodotti fl-Istat Membru B hija responsabbli għal dan id-dazju tas-sisa skont l-Artikolu 33(3) tad-Direttiva 2008/118 […] f'ċirkustanzi fejn din il-persuna:

(a) ma kellha ebda interess legali jew ta' benefiċċju fil-prodotti suġġetti għad-dazju tas-sisa;

(b) kienet qiegħda tittrasporta l-prodotti suġġetti għad-dazju tas-sisa, bi [b'korrispettiv ta'] ħlas, f'isem ħadd ieħor bejn Stat Membru A u Stat Membru B; u

(c) kienet taf li l-prodotti fil-pussess tagħha kienu prodotti suġġetti għad-dazju tas-sisa iżda ma kinitx taf u ma kellhiex raġuni għal xiex tissuspetta li d-dazju tas-sisa sar imponibbli fuq il-prodotti fl-Istat Membru B fiż-żmien li dan id-dazju tas-sisa sar hekk imponibbli jew qabel?

2. Ir-risposta għall-ewwel domanda tkun differenti jekk P ma kinitx taf li l-prodotti fil-pussess tagħha kienu prodotti suġġetti għad-dazju tas-sisa?

## III. Analiżi

### *A. Espożizzjoni qasira tal-argumenti tal-partijiet*

14. Osservazzjonijiet bil-miktub ġew ippreżentati lill-Qorti tal-Ġustizzja minn WR, mill-Gvern tar-Renju Unit, tal-Pajjiżi l-Baxxi u u Taljan, kif ukoll mill-Kummissjoni Ewropea.

15. WR (il-konvenut fil-kawża prinċipali) jissottometti, essenzjalment, li ż-żewġ qrati nazzjonali kellhom raġun jikklassifikawh bħala "aġent innoċenti" sa fejn huwa la kellu dritt u lanqas interess fil-prodotti li kien qiegħed jittrasporta, b'korrispettiv ta' ħlas, f'isem ħaddieħor, li huwa ma kienx konxju tal-fatt li t-taxxa fuq il-prodotti li kien qiegħed jittrasporta ma kinitx tħallset; u li lanqas ma seta' jingħad li huwa kien imissu kien konxju ta' dan il-fatt, u li, għalhekk, huwa ma għandux jinżamm responsabbli għall-ħlas ta' dawn id-dazji taħt l-Artikolu 33(3) tad-Direttiva. Deċiżjoni fis-sens li xi ħadd fil-pożizzjoni ta' WR huwa responsabbli għall-ħlas tad-dazju tas-sisa toħloq konfużjoni kummerċjali għaliex tkun tfisser li sewwieq li jagħmel kunsinni (pereżempju xi ħadd li jaħdem għal DHL) li jkun ġabar kaxxa b'inbid fil-punt A u kkunsinna fil-punt B ikun (sempliċement għaliex kien jaf jew kien imissu kien jaf mill-indikazzjoni fuq il-pakkett li l-kaxxa kien fiha l-inbid) responsabbli għall-ħlas tad-dazju jekk jirriżulta li ebda dazju ma kien tħallas fuq din il-kaxxa.

16. WR jissottometti wkoll li l-Artikolu 38 tad-Direttiva, li jimponi responsabbiltà għad-dazju tas-sisa bħala konsegwenza ta' irregolarità fil-moviment ta' prodotti suġġetti għad-dazji tas-sisa fuq "kwalunkwe persuna li pparteċipat fl-irregolarità", għandu jiġi interpretat fis-sens li huwa intiż li jirreferi għal xi ħadd li kien jaf jew kien imissu kien jaf bl-irregolarità.

17. Barra minn hekk, fid-Direttiva ma hemm xejn li jindika li taxxa għandha tinġabar minn dawk li ma għandhom ebda interess fil-prodotti li jkunu ġew it-trasportati u li ma jafux (u ma kellhom ebda raġuni għal xiex jemmnu) li l-prodotti kellhom dazju dovut fuqhom. Tali interpretazzjoni ma tkunx xierqa u neċessarja sabiex jiġu żgurati l-għanijiet li d-Direttiva għandha l-intenzjoni li tilħaq u għalhekk tmur kontra l-prinċipju ta' proporzjonalità.

18. Il-Gvern tar-Renju Unit u tal-Pajjiżi l-Baxxi, kif ukoll il-Kummissjoni, jissottomettu, essenzjalment, li l-Artikolu 33(3) tad-Direttiva għandu jiġi interpretat fis-sens li l-persuna "li żżomm il-prodotti" fil-mument li jkun dovut id-dazju tas-sisa – bħalma huwa WR – għandha tkun responsabbli għall-ħlas ta' dawn id-dazji.

19. Il-Gvern Taljan jasal għal konklużjoni simili iżda jibbaża ruħu, minflok, fuq l-Artikolu 38 tad-Direttiva.

## *B. Evalwazzjoni*

### *1. Kummenti preliminari*

20. Inqis li huwa xieraq li ż-żewġ domandi jingħataw risposta flimkien sa fejn il-qorti tar-rinviju essenzjalment tixtieq tkun taf jekk sewwieq ta' trakk bħalma huwa WR għandux jinżamm responsabbli mill-ħlas tad-dazju tas-sisa, b'mod partikolari, fuq il-bażi tal-Artikolu 33(3) tad-Direttiva, f'sitwazzjoni fejn din il-persuna ma għandha ebda interess fil-prodotti u ma tafx jew ma kellhiex raġuni għal xiex tissuspetta li d-dazju tas-sisa sar imponibbli fuq il-prodotti.

21. Għar-raġunijiet li ser nispjega iktar 'il quddiem, wasalt għall-konklużjoni li l-pożizzjoni esposta mill-partijiet kollha (ħlief għal WR) hija l-pożizzjoni korretta. Għaldaqstant, l-imsemmija domanda għandha tingħata risposta fl-affermattiv: sewwieq ta' trakk bħalma huwa WR hawnhekk huwa strettament responsabbli għall-ħlas tad-dazju tas-sisa.

22. Ser neżamina, b'mod partikolari, l-għan tal-miżura, il-formulazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti u l-analoġiji li jistgħu jsiru ma' oqfsa leġiżlattivi oħra.

23. Tabilħaqq, skont il-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, fl-interpretazzjoni ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni, huwa meħtieġ li jittieħdu inkunsiderazzjoni mhux biss il-formulazzjoni tagħha iżda wkoll il-kuntest tagħha u l-għan li għandu jintlaħaq mir-regoli li tagħmel parti minnhom[5]. B'mod simili, it-tifsira u l-portata ta' termini li għalihom id-dritt tal-Unjoni ma jipprovdi ebda definizzjoni għandhom jiġu ddeterminati b'referenza għat-tifsira normali tagħhom fil-lingwa ta' kuljum, filwaqt li jittieħdu inkunsiderazzjoni wkoll il-kuntest li jidhru fih u l-għanijiet tar-regoli inkwistjoni[6].

[5] Sentenzi tas-26 ta' Jannar 2012, ADV Allround (C-218/10, EU:C:2012:35, punt 26) u tad-19 ta' Lulju 2012, A (C-33/11, EU:C:2012:482, punt 27 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[6] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-13 ta' Diċembru 2012, BLV Wohn- und Gewerbebau (C-395/11, EU:C:2012:799, punt 25 u l-ġurisprudenza ċċitata).

## *2. L-iskop tad-Direttiva 2008/118 u l-għan tad-dispożizzjonijiet rilevanti*

24. L-iskop prinċipali tad-Direttiva huwa li tistabbilixxi regoli dwar iż-żamma, il-moviment u l-monitoraġġ ta' prodotti li huma suġġetti għad-dazju tas-sisa bil-għan li jiġi żgurat li d-dazji tas-sisa jiġu imposti bl-istess mod fl-Istati Membri kollha[7]. Din l-armonizzazzjoni għandha tirriżulta f'sistema fluwida li bis-saħħa tagħha d-dazji tas-sisa jitħallsu b'mod sistematiku qabel ma l-prodotti jiġu rrilaxati għal ċirkolazzjoni libera – sabiex b'hekk ikun possibbli l-moviment liberu tal-prodotti filwaqt li jiġi żgurat li d-dejn fiskali korrett effettivament jinġabar mill-awtoritajiet nazzjonali – u li tipprevjeni sitwazzjonijiet ta' tassazzjoni doppja ta' tranżazzjonijiet bejn l-Istati Membri.

25. Fil-kawża ineżami, il-prodotti ma kinux qegħdin jiġu ttrasportati taħt arranġament ta' sospensjoni tad-dazju peress li d-dokumentazzjoni kienet falza (il-prodotti suġġetti għad-dazju tas-sisa kienu qegħdin jiġu ttrasportati taħt Nota CMR li kienet tindika kodiċi ACR falz).

26. Mid-digriet tar-rinviju jirriżulta li l-prodotti inkwistjoni diġà ġew irrilaxxati għall-konsum b'konsegwenza tal-invalidità tad-dokument intiż li jistabbilixxi li dawn il-prodotti kienu qegħdin jiġu jiċċirkolaw taħt is-sistema ta' sospensjoni tad-dazji tas-sisa u kienu qegħdin jinżammu għal skopijiet kummerċjali u għalhekk dan ta lok għal responsabbiltà immedjata għad-dazju tas-sisa mal-wasla tagħhom fir-Renju Unit.

27. Fid-dawl tal-iskop tad-Direttiva (kif indikat fil-punt 24 ta' dawn il-konklużjonijiet), il-leġiżlazzjoni tidentifika sensiela ta' persuni li huma responsabbli għall-ħlas tad-dazju.

28. Skont l-Artikolu 33(3) tad-Direttiva, il-persuni responsabbli għall-ħlas tad-dazju huma għalhekk: (a) il-persuna li twettaq il-kunsinna; (b) il-persuna li żżomm il-prodotti (f'sens purament oġġettiv li jkollha l-pussess fiżiku tagħhom); jew (c) il-persuna li lilha l-prodotti jiġu kkunsinnati fit-tieni Stat Membru. Fil-każ ta' irregolarità, l-Artikolu 38(3) tad-Direttiva jipprovdi li d-dazju għandu jitħallas "mill-persuna li tkun tat garanzija li ser tħallsu skont l-Artikolu 34(2)(a) jew l-Artikolu 36(4)(a) u minn kwalunkwe persuna li pparteċipat fl-irregolarità".

29. Sa fejn huma kkonċernati l-għanijiet tad-Direttiva, kif ser nispjega iktar 'il quddiem, il-*formulazzjoni wiesgħa* tad-dispożizzjonijiet inkwistjoni, li jikkonċernaw sensiela ta' persuni potenzjalment responsabbli għad-dazji mingħajr ma hija stabbilita ordni ta' preċedenza, u li huma responsabbli *in solidum*, hija intiża li tiggarantixxi li d-dejn fiskali effettivament jitħallas u li, għal dan l-iskop, *xi ħadd għandu jinżamm responsabbli*. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat din il-fehma fil-ġurisprudenza tagħha[8].

30. L-Artikolu 8(2) tad-Direttiva japplika *l-prinċipju ta' responsabbiltà in solidum*: "Fejn diversi persuni jkunu responsabbli għall-ħlas ta' dejn wieħed tad-dazju tas-sisa, huma għandhom ikunu responsabbli *in solidum* għal dan id-dejn."

31. Minn dan il-prinċipju jirriżulta li *kull debitur* huwa responsabbli għall-*ammont totali* tad-dejn u li l-kreditur jibqa', bħala prinċipju, liberu li jitlob il-ħlas ta' dan id-dejn mingħand debitur jew għadd ta' debituri skont l-għażla tiegħu jew tagħha[9].

[7] Ara s-sentenza tal-5 ta' April 2001, van de Water (C-325/99, EU:C:2001:201, punt 39).

[8] Sentenzi tal-5 ta' April 2001, van de Water (C-325/99, EU:C:2001:201, punti 41 u 42), tat-3 ta' Lulju 2014, Gross (C-165/13, EU:C:2014:2042, punti 25 u 26).

[9] Ara s-sentenza tat-18 ta' Mejju 2017, Latvijas Dzelzceļš (C-154/16, EU:C:2017:392, punt 85).

32. Inqis li l-għażla mil-leġiżlatur tal-Unjoni li japplika l-prinċipju ta' responsabbiltà *in solidum* hija konsistenti mal-iskema tad-Direttiva, intiża li *tiżgura li d-dejn tad-dazju tas-sisa effettivament jinġabar*. Dan jirriżulta mill-premessi 15, 19 u 20 tad-Direttiva u l-importanza ta' dan il-punt kienet enfasizzata wkoll fil-kawża van de Water [10].

33. Barra minn hekk, kif joħroġ b'mod ċar mill-premessa 8, id-Direttiva armonizzat mhux biss il-kunċetti ta' prodotti li fuqhom għandu jiġi impost dazju tas-sisa u l-post fejn id-dazju jiġi impost, iżda wkoll is-sensiela ta' persuni li għandhom iħallsu d-dazju tas-sisa. Għaldaqstant, meta persuna tkun fiżikament fil-pussess tal-prodotti suġġetti għad-dazju tas-sisa li jkunu ġew irrilaxxati għall-konsum, din il-persuna hija responsabbli għad-dazju li għandu jitħallas irrispettivament minn jekk tafx jew misshiex kienet taf li l-prodotti huma suġġetti għad-dazju.

34. Tabilħaqq, l-iskop inerenti tar-responsabbiltà *in solidum* huwa li jiżdiedu r-rimedji disponibbli għall-awtoritajiet u għalhekk li jissaħħaħ l-irkupru effettiv tad-djun tad-dazju tas-sisa [11] kif ukoll il-protezzjoni tar-riżorsi proprji tal-Unjoni.

35. Inqis (bħalma jagħmel il-Gvern tal-Pajjiżi l-Baxxi) li dan l-iskop (punt 24 ta' dawn il-konklużjonijiet) jiġi ppreġudikat kieku l-awtoritajiet fiskali kellhom juru li l-persuna responsabbli għall-ħlas tad-dazju tas-sisa taf ukoll li għandu jitħallas id-dazju tas-sisa fuq il-prodotti inkwistjoni. Tali rekwiżit fil-prattika jagħmel il-ġbir tad-dejn fiskali kunsiderevolment iktar diffiċli.

36. Tabilħaqq, ir-rekwiżit ta' għarfien fil-fatt jippromwovi l-evażjoni tad-dazju tas-sisa. Tranżazzjonijiet li jagħtu lok għad-dazju tas-sisa ħafna drabi jinvolvu networks li fihom iseħħu n-negozju, it-trasport u l-bejgħ mill-ġdid u li fihom numru ta' persuni jkollhom kollha r-rwol (żgħir) individwali tagħhom stess. Huwa għalhekk għalkollox possibbli li xi ħadd – bħal sewwieq ta' trakk – li ma jkollux għarfien personali u jkun sempliċi ħolqa żgħira fil-katina kollha, għandu xorta waħda jkun jista' jinżamm responsabbli, għaliex jekk ma jkunx hekk ma tkun possibbli ebda tassazzjoni effettiva.

37. Kif żied il-Gvern tar-Renju Unit, l-inklużjoni ta' rekwiżit ta' għarfien fil-kunċett ta' "żamma" jew ta' "twettiq ta' kunsinna" fl-Artikolu 8(1)(b) u l-Artikolu 33(3) tad-Direttiva ddgħajjef l-għan u l-iskop tagħha. Tali inklużjoni toħloq mod kif ikun relattivament faċli li jiġi evitat id-dazju tas-sisa. B'hekk, individwu li jinsab fil-pussess fiżiku ta' prodotti suġġetti għad-dazju tas-sisa jkun jista' – bħalma għamel WR hawnhekk – sempliċement jonqos milli jidentifika l-persuna li impjegatu jittrasporta l-prodotti jew li jagħti kwalunkwe dettalji oħra li jikkonċernaw is-sid tal-prodotti (jew intenzjonalment jew għaliex ikun ingħata dettalji foloz).

38. Għal darba oħra, dan jagħmilha diffiċli li jiġu miġġielda l-frodi u l-abbuż, filwaqt li l-istruttura tad-Direttiva nnifisha u l-premessi tagħha jeħtieġu li *l-awtoritajiet nazzjonali għandhom jiżguraw li d-dejn fiskali effettivament jinġabar* (ara l-punt 32 ta' dawn il-konklużjonijiet).

39. L-argument imqajjem minn WR fir-rigward tal-eżempju ta' sewwieq ta' DHL (fil-punt 15 ta' dawn il-konklużjonijiet) [12] jista' jiġi miċħud faċilment. Persuna li twettaq kunsinna għal DHL ma tkunx responsabbli, iżda DHL – l-impriża nnifisha – tkun responsabbli. Kif osserva l-Gvern

10 Ara s-sentenza tal-5 ta' April 2001, van de Water (C-325/99, EU:C:2001:201, punt 41), u l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Ruiz-Jarabo Colomer fil-kawża van de Water (C-325/99, EU:C:2000:614, punt 27).

11 Ara wkoll, f'dan ir-rigward, is-sentenza tat-18 ta' Mejju 2017, Latvijas Dzelzceļš (C-154/16, EU:C:2017:392, punt 88).

12 Dan l-argument diġà tqajjem minn operaturi fil-passat. Ara Snell, C., 'Whose duty is it anyway?', *No 5 Chambers Commercial & Chancery Bulletin*, Winter 2015/2016, p. 8 u 9.

tal-Pajjiżi l-Baxxi, WR għandu jitqies li huwa persuna li taħdem għal rasha u għalhekk bħala imprenditur li aċċetta li jaħdem mingħajr kuntratt bil-miktub u li jitħallas fi flus kontanti. L-intraprenditorija tinvolvi riskju intraprenditorjali u dan jinkludi r-riskju li imprenditur jinżamm personalment responsabbli għall-persuni li magħhom jinnegozja u li mingħandhom jaċċetta kummissjonijiet. Barra minn hekk, imprenditur jista' jipproteġi lilu nnifsu kontra tali riskji permezz ta' assigurazzjoni jew billi jgħaddi dawn ir-riskji lill-klijenti permezz ta' kuntratt.

### *3. Il-formulazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti*

40. Il-persuni responsabbli għall-ħlas tad-dazju tas-sisa, skont is-sitwazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 33(3) tad-Direttiva jinkludu l-persuna li tkun qiegħda twettaq il-kunsinna jew il-persuna li tkun qiegħda żżomm il-prodotti intiżi għall-kunsinna jew il-persuna li lilha jiġu kkunsinnati l-prodotti,

41. Fil-fehma tiegħi, il-formulazzjoni ta' din id-dispożizzjoni hija ċara u, fl-istess ħin, partikolarment wiesgħa.

42. Kif indika l-Gvern tar-Renju Unit, fid-Direttiva ma hemm xejn (bħalma lanqas ma kien hemm xejn fid-Direttiva 92/12/KEE[13] – li tippreċediha) li jipprekludi lill-Istati Membri milli jeżiġu mingħand kwalunkwe persuna li żżomm prodotti suġġetti għad-dazju tas-sisa għal skopijiet kummerċjali barra minn arranġamenti għas-sospensjoni tad-dazju l-ħlas tad-dejn fiskali dovut, u lanqas ma hemm xi rekwiżit li sabiex "iżżomm" il-prodotti persuna għandu jkollha xi għarfien partikolari dwar l-istatus tad-dazju tagħhom.

43. It-tifsira normali tal-kliem "żamma" jew "twettiq ta' kunsinna" tal-prodotti li jintuża fid-Direttiva hija ċara: dawn jeħtieġu biss pussess fiżiku tal-prodotti. Fid-dawl tal-assenza ta' diverġenza f'dan ir-rigward fost id-diversi verżjonijiet lingwistiċi tat-test, jista' jiġi konkluż li l-espressjoni "persuna [...] li żżomm il-prodotti" tkopri kwalunkwe persuna li jkollha l-pussess fiżiku tagħhom sakemm din l-interpretazzjoni ma tkunx kontradetta mill-iskop tad-dispożizzjoni jew minn prinċipji ġenerali tad-dritt.

44. Li kieku l-leġiżlatur tal-Unjoni kellu l-intenzjoni jeżiġi li l-persuna kienet taf jew li kien imissha kienet taf, huwa kien jipprovdi espliċitament f'dan is-sens.

45. Huwa minnu li fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar id-dazju tas-sisa ma hemm ebda definizzjoni tal-kelma "żamma". Madankollu, kif indikat il-Kummissjoni, interpretazzjoni kuntestwali turi li hemm tali definizzjoni fil-leġiżlazzjoni doganali, li hija sistema li għandha diversi aspetti paralleli għal-leġiżlazzjoni dwar id-dazju tas-sisa. Skont il-punt 34 tal-Artikolu 5 tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni[14], "'detentur tal-merkanzija' tfisser il-persuna li tkun il-proprjetarja tal-merkanzija jew li jkollha dritt simili biex tiddisponi minnha *jew li jkollha l-kontroll fiżiku tagħha*" (enfasi miżjuda).

46. Il-formulazzjoni wiesgħa tal-Artikolu 33 tad-Direttiva hija intiża li tiżgura li r-responsabbiltà taqa' fuq *kwalunkwe persuna* li tkun qiegħda żżomm il-prodotti sakemm jitħallas id-dazju, kif iddikjarat il-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Gross[15]. Din il-kawża kienet tikkonċerna l-interpretazzjoni tal-Artikolu 7 tad-Direttiva 92/12 (il-predeċessur tal-Artikolu 33

[13] Direttiva tal-Kunsill tal-25 ta' Frar 1992 dwar l-arranġamenti ġenerali għall-prodotti soġġetti għad-dazju tas-sisa u dwar iż-żamma, ċaqliq u mmonitorjar ta' dan it-tip ta' prodotti (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 179, rettifika fil-ĠU 2015, L 210, p. 39).

[14] Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU 2013, L 269, p. 1, rettifiki fil-ĠU 2013, L 287, p. 90, u fil-ĠU 2016, L 267, p. 2).

[15] Sentenza tat-3 ta' Lulju 2014, Gross (C-165/13, EU:C:2014:2042).

tad-Direttiva), u b'mod partikolari jekk detenturi suċċessivi ta' prodotti li kienu ġew irrilaxxati għall-konsum setgħux ikunu responsabbli għad-dazju tas-sisa. Wara kollox, dan huwa sostnut ukoll mill-iskop tad-Direttiva, b'mod speċifiku li jiġi żgurat li d-dejn fiskali effettivament jinġabar.

47. In-natura korretta tal-approċċ tal-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Gross ġiet difiża wkoll fil-letteratura legali [16].

48. Kif diġà ddeċidiet b'mod korrett l-Upper Tribunal (il-Qorti Superjuri) fis-sentenza B&M Retail Ltd vs HMRC [17]– kawża li ma kinitx tinvolvi direttament l-Artikolu 33 tad-Direttiva iżda li kienet tikkonċerna pjuttost l-interpretazzjoni tal-Artikolu 7 tad-Direttiva u r-responsabbiltà taħt dan l-artikolu, u li iżda xorta waħda hija rilevanti hawnhekk – "fil-fehma tagħna, is-sentenza Gross tipprovdi awtorità ċara li ladarba prodotti suġġetti għad-dazju tas-sisa li fir-rigward tagħhom id-dazju ma jkunx tħallas ikunu qegħdin jiċċirkolaw fl-Istat Membru ta' destinazzjoni f'dan il-każ l-awtoritajiet ta' dan l-Istat Membru għandhom il-kapaċità li jagħżlu lil liema mid-detenturi sekwenzjali tal-prodotti għandhom joħorġu stima, sakemm ma tkunx inħarġet stima preċedentement. Dan huwa konsistenti mal-politika li fuqha hija bbażata d-Direttiva tal-2008 […] jiġifieri li huwa d-dmir tal-Istat Membru kkonċernat li jiżgura li d-dazju jitħallas fuq prodotti li jirriżultaw li jkunu ġew irrilaxxati għall-konsum. Għaldaqstant, id-deċiżjoni f'din il-kawża hija konsistenti mal-prinċipju li għandu jkun possibbli li tinħareġ stima fir-rigward ta' persuna li tinstab li qiegħda żżomm prodotti li fir-rigward tagħhom ma jkunx tħallas id-dazju minkejja li seta' kien hemm rilaxx preċedenti għall-konsum ta' dawn il-prodotti fl-istess Stat Membru sakemm ma tkunx inħarġet stima preċedenti fir-rigward tad-dazju li jkun dovut" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

49. Niċċita wkoll hawnhekk, filwaqt li nesprimi l-approvazzjoni tiegħi, is-sentenza tad-19 ta' Marzu 2019 (punt 66) fejn il-qorti tar-rinviju ddeċidiet li "aħna naqblu li l-politika li fuqha hija bbażata d-Direttiva tal-2008 hija […] li huwa l-obbligu ta' kull Stat Membru li jiżgura li d-dazju jitħallas […] Ikun hemm distorsjoni tas-suq intern jekk l-Istati Membri ma jieħdux passi sabiex jiżguraw li l-prodotti li fir-rigward tagħhom kien imissu tħallas dazju tas-sisa ma jkunux jistgħu jiċċirkolaw b'mod liberu fis-suq intern flimkien ma' prodotti li fuqhom ikun tħallas id-dazju. Kif osservat ulterjorment l-Upper Tribunal [(il-Qorti Superjuri)] fis-sentenza Davison u Robinson [[18]], fl-assenza ta' kwalunkwe informazzjoni rilevanti dwar kwalunkwe rilaxx preċedenti għall-konsum, il-HMRC għandhom joħorġu stima fir-rigward tal-persuna li tinsab li tkun qiegħda żżomm il-prodotti inkwistjoni, jekk dan ikun l-uniku punt fejn isir dovut id-dazju tas-sisa li jista' jiġi stabbilit. Nosservaw li s-sottomissjoni tal-HMRC li f'sitwazzjoni fejn, bħalma huwa [WR] hawnhekk, sewwieq ma jkunx kapaċi jidentifika lill-konsenjatur, jew lill-importatur, jew lill-persuna li timpjegah, l-unika persuna li tkun tista' tinħarġilha stima għad-dazju tkun is-sewwieq stess. Jekk ma tkunx tista' tinħariġlu stima f'ċirkustanzi fejn l-HMRC jew qorti jikkonkludu li s-sewwieq ma kienx konxju tal-fatt li l-prodotti kienu suġġetti għad-dazju, l-opportunitajiet għall-kuntrabandu u għall-frodi jkunu manifestament ikbar. B'hekk, ir-responsabbiltà stretta jidher li kienet karatteristika aċċettata tas-sistema taħt direttivi suċċessivi, kif spjegat inizjalment […] fis-sentenza Greenalls [[19]]" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

16 Ara, *inter alia*, Rehberg, E., u Ring, N., 'Steuerschuld als „zweiter" Besitzer im Verbrauchsteuerrecht?', *EU-Umsatz-Steuerberater*, 2014, (Ħarġa 3), p. 51, u Bogaerts, D., 'Gross. Liability to excise duty. Products released for consumption in one Member State and held for commercial purposes in another Member State. Court of Justice', *Highlights & Insights on European Taxation*, 2014, Nru 10, p. 52 u 53.

17 [2016] UKUT 429 (TCC) [2016] STC 2456.

18 Davison u Robinson Ltd vs HMRC [2018] UKUT 437 (TCC).

19 Greenalls Management Ltd vs Customs and Excise Commissioners [2005] UKHL 34.

50. Tabilħaqq, ma nistax ma naqbilx mal-analiżi magħmula fis-sentenza Greenalls, fejn Lord Hoffmann qal, fil-punt 4 tas-sentenza tiegħu (li magħha qablu l-maġġoranza tal-House of Lords), li "d-Direttiva [tal-1992] ġiet adottata bħala parti mill-ħolqien ta' suq wieħed mingħajr fruntieri fiskali. L-iskop prinċipali tad-Direttiva kien li jkun hemm sett wieħed ta' regoli sabiex jiġi ddeterminat il-mument li fih id-dazju jsir dovut, sabiex b'hekk tiġi evitata sitwazzjoni li fiha dazju seta' jiġi impost fuq l-istess prodotti f'pajjiżi differenti" [traduzzjoni mhux uffiċjali]. F'dik is-sentenza, il-House of Lords qieset li kumpannija li kienet topera mħażen kienet strettament responsabbli għad-dazju fuq vodka mmanifatturata li kienet ġiet irrilaxxata għall-esportazzjoni mill-maħżen fiskali tal-kumpannija iżda li f'xi stadju kienet ingħatat destinazzjoni differenti b'mod frawdolenti. Filwaqt li rrefera għas-sentenza van de Water (C-325/99, EU:C:2001:201), Lord Hoffmann osserva (fil-punt 7) li l-identità tal-persuna jew tal-persuni responsabbli għall-ħlas tad-dazju wara li l-prodotti jkunu ġew "rilaxxati għall-konsum" kienet kwistjoni li kienet tħalliet f'idejn l-Istati Membri sabiex jiddeċiedu dwarha huma stess. Taħt ir-regolament rilevanti, il-kliem "rilaxxati għall-konsum" ma kinux ikkwalifikati b'xi kliem ieħor bħal "legalment". Lord Hoffmann għalhekk ikkonkluda li l-kumpannija li kienet topera l-imħażen kienet strettament responsabbli.

51. B'mod simili, nemmen li kwalunkwe detentur ta' prodotti bħalma huwa WR hawnhekk għandu jitqies li huwa strettament responsabbli.

52. Naqbel mal-qorti tar-rinviju meta, fil-punt 67 u 68 tas-sentenza tagħha tad-19 ta' Marzu 2019 tgħid ukoll li "din il-politika hija, fil-fehma tagħna, riflessa fit-termini tad-Direttiva u tar-Regolamenti. Aħna naqblu [...] li t-tifsira naturali tal-kliem 'żamma' jew 'twettiq ta' kunsinna' ta' prodotti ma timplika ebda rekwiżit li l-persuna tkun konxja tal-istatus fiskali tal-prodotti. Għalkemm, naturalment, l-ekwità u l-proporzjonalità huma l-bażi tad-dritt tal-Unjoni, bħalma huma tad-dritt komuni, dawn ma jeskludux f'kull każ l-impożizzjoni ta' responsabbiltà stretta. Aħna nqisu li hemm saħħa kunsiderevoli fl-argument li, fid-dawl tal-politika li fuqha hija bbażata d-Direttiva, l-impożizzjoni ta' responsabbiltà stretta fuq sewwieq f'dawn iċ-ċirkustanzi ma tmurx kontra l-prinċipji ta' ekwità jew ta' proporzjonalità [...] Normalment jiġu ntaxxati avvenimenti jew tranżazzjonijiet oġġettivi mingħajr kunsiderazzjoni tal-intenzjoni tal-persuna suġġetta għat-taxxa". [traduzzjoni mhux uffiċjali].

53. Kif osserva l-Gvern tal-Pajjiżi l-Baxxi, din l-interpretazzjoni letterali tal-Artikolu 33(3) tad-Direttiva hija kkonfermata mill-iskema ta' din id-direttiva. Ir-rekwiżit ta' għarfien huwa stabbilit fid-Direttiva biss fir-rigward tal-każ ta' irregolarità matul moviment ta' prodotti suġġetti għad-dazju tas-sisa li jkunu taħt arranġament ta' sospensjoni tad-dazju fis-sens tal-Artikolu 8(1)(a)(ii) tagħha. Dan ukoll huwa sostnut mis-sentenza Gross[20]. Minn din il-ġurisprudenza jirriżulta li l-Artikolu 33(3) ma għandux jingħata interpretazzjoni li "tirrendi iktar inċert il-ġbir tas-sisa dovuta marbuta mal-passaġġ minn fruntiera tal-Unjoni".

54. Tabilħaqq, fil-prattika, garanzija dejjem ser tkun meħtieġa fil-każ ta' tali moviment (f'ħafna mill-każijiet mill-konsenjatur tal-prodotti suġġetti għad-dazju tas-sisa). F'tali każ, il-ġbir tad-dazju tas-sisa jkun iggarantit. Għal dawn ir-raġunijiet, il-leġiżlatur tal-Unjoni għażel, fl-Artikolu 8(1)(a)(ii) tad-Direttiva, li jillimita r-responsabbiltà tal-persuni l-oħra li jkunu pparteċipaw fit-tneħħija irregolari għal dawk il-persuni li kienu konxji jew li kellhom raġonevolment ikunu konxji tan-natura irregolari tat-tneħħija.

[20] Sentenza tat-3 ta' Lulju 2014 (C-165/13, EU:C:2014:2042, punti 24 sa 27).

55. F'każijiet fejn ma jkunx hemm il-garanzija msemmija iktar 'il fuq minħabba li ma jkun hemm ebda rekwiżit għal tali garanzija – bħalma huwa f'dan il-każ – l-inklużjoni mil-leġiżlatur tar-rekwiżit ta' għarfien ma tqisitx li kienet mixtieqa. Għaldaqstant, il-leġiżlatur tal-Unjoni ma inkludiex ir-rekwiżit ta' għarfien fl-Artikolu 33(3) tad-Direttiva.

56. Sa fejn huma kkonċernati l-fatti fil-kawża prinċipali – ibbażati fuq l-approċċ adottat mill-awtoritajiet fiskali nazzjonali – il-kawża ineżami ma tikkonċernax tneħħija irregolari mill-arranġament ta' sospensjoni tad-dazju kopert mill-Artikolu 7(2) tad-Direttiva iżda tikkonċerna pjuttost iż-żamma irregolari ta' prodotti għal skopijiet kummerċjali fi Stat Membru differenti minn dak li fih tħallas id-dazju, li jagħti lok, skont l-awtoritajiet fiskali nazzjonali, għal responsabbiltà għad-dazju taħt l-Artikolu 33 ta' din id-direttiva.

57. Madankollu, kif osservat il-Kummissjoni, is-sitwazzjoni hija essenzjalment l-istess: prodotti li fir-rigward tagħhom hemm responsabbiltà għal dazju qegħdin jinżammu barra mill-arranġament ta' sospensjoni tad-dazju, b'tali mod li d-dazju huwa pagabbli immedjatament. Movimenti ta' prodotti ntaxxati bejn Stati Membri ma humiex meħtieġa li jseħħu taħt sitwazzjoni ta' sospensjoni tad-dazju iżda huma xorta waħda suġġetti għal sistema li b'mod ġenerali hija analoga. Tabilħaqq, mill-perspettiva tal-Istat Membru ta' destinazzjoni ma hemm ebda differenza bejn, minn naħa, prodotti li tneħħew b'mod irregolari mill-arranġament ta' sospensjoni tad-dazju fi Stat Membru ieħor u li ttieħdu hemmhekk u, min-naħa l-oħra, prodotti li fuqhom tħallas id-dazju fi Stat Membru ieħor u li mbagħad ittieħdu hemmhekk. Fiż-żewġ każijiet, hemm responsabbiltà immedjata għad-dazju.

58. Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha jirriżulta li t-tifsira tal-kelma "żamma" fl-Artikolu 33(1) u (3) tad-Direttiva tinkludi s-sempliċi pussess fiżiku.

### *4. L-Artikolu 38 tad-Direttiva 2008/118*

59. Naqbel mal-Gvern tal-Pajjiżi l-Baxxi u dak Taljan kif ukoll mal-Kummissjoni li jargumentaw, essenzjalment, li dak li ntqal iktar 'il fuq ma huwiex l-aħħar kelma f'każ bħal dak fil-kawża prinċipali. Dan ma huwiex każ fejn il-moviment tal-prodotti u l-ħlas tad-dazju seħħew b'mod normali. Dan huwa każ fejn kien hemm irregolarità u, għalhekk, l-Artikolu 38 tad-Direttiva wkoll huwa potenzjalment rilevanti għall-finijiet tal-għoti ta' risposta utli għad-domandi magħmula. Skont l-Artikolu 38, id-dazju tas-sisa huwa dovut, *inter alia*, minn "kwalunkwe persuna li pparteċipat fl-irregolarità". Persuna li tittrasporta prodotti u li jkollha dawn il-prodotti fil-pussess tagħha fil-mument meta sseħħ l-irregolarità tista' titqies li "tipparteċipa" fl-irregolarità, anki jekk b'mod passiv u mhux intenzjonat.

60. Fi kwalunkwe każ, nemmen li r-rilevanza potenzjali tal-Artikolu 38 tad-Direttiva għal din il-kawża ma tibdilx l-analiżi tiegħi magħmula iktar 'il fuq fir-rigward tal-Artikolu 33 tagħha: persuna f'sitwazzjoni bħal dik ta' WR hija responsabbli għall-ħlas tad-dazju tas-sisa.

61. L-Artikolu 38(3) tad-Direttiva jidentifika l-persuni responsabbli għall-ħlas tad-dazju tas-sisa fil-każ ta' irregolarità. Minbarra l-persuna li tkun tat garanzija għall-ħlas, dan jinkludi "kwalunkwe persuna li pparteċipat fl-irregolarità".

62. Naqbel mal-Kummissjoni u mal-Gvern tal-Pajjiżi l-Baxxi li, essenzjalment, persuna li tittrasporta l-prodotti tkun ipparteċipat fl-irregolarità. Fi kwalunkwe każ, l-Artikolu 38(3), bħall-Artikolu 33(3) tad-Direttiva, ma jeħtieġx li d-debitur ikun konxju li l-prodotti inkwistjoni għadhom suġġetti għad-dazju tas-sisa.

63. Din il-pożizzjoni hija konformi mal-interpretazzjoni wiesgħa mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tas-17 ta' Ottubru 2019, Comida paralela 12 [21] lill-espressjoni "kwalunkwe persuna li pparteċipat fl-irregolarità" li tinsab fl-Artikolu 38(3) tad-Direttiva 2008/118.

64. Naqbel ulterjorment mal-Gvern Taljan li f'dan il-każ, ma jista' jkun hemm ebda dubju li l-kliem "kwalunkwe persuna li pparteċipat fl-irregolarita" jistgħu japplikaw għal WR, is-sewwieq tat-trakk. Huwa kien professjonist f'pożizzjoni li jieħu l-miżuri kawtelatorji kollha meħtieġa sabiex jevita involviment mhux mixtieq f'kuntrabandu illegali. Tabilħaqq responsabbiltà stretta hija importanti mhux biss sabiex jiġi żgurat li d-dazju tas-sisa jitħallas minn *xi ħadd* iżda wkoll bħala deterrent kontra l-kuntrabandu.

65. Din l-interpretazzjoni hija kkonfermata mill-Artikolu 8(1)(a) u (b) ta' din id-direttiva u, barra minn hekk, hija kompletament konsistenti mal-istruttura ġenerali stabbilita mid-Direttiva, li hija intiża li tiżgura li ma jkun hemm ebda spazju għal lakuni ta' responsabbiltà min-naħa ta' individwi li jipparteċipaw fil-moviment ta' prodotti suġġetti għad-dazju tas-sisa.

66. Kif indikat il-Kummissjoni, l-eżistenza ta' dritt potenzjali ta' kontribuzzjoni ma hijiex, skont il-loġika tad-Direttiva, element neċessarju għar-responsabbiltà *in solidum*, għalkemm tali dritt jista' jeżisti fid-dritt nazzjonali applikabbli. Il-persuni potenzjalment responsabbli għall-ħlas tad-dazju jistgħu wkoll jagħmlu arranġamenti bejniethom taħt id-dritt privat li jikkonċernaw kontribuzzjoni jew kumpens. Lanqas ma hemm xi dispożizzjoni oħra jew prinċipju ieħor tad-dritt tal-Unjoni li jeħtieġu l-eżistenza ta' tali dritt. Kif osservat il-Qorti tal-Ġustizzja fid-digriet tat-22 ta' Novembru 2001, Michel (C-80/01, EU:C:2001:632), il-kwistjoni dwar jekk il-persuna responsabbli għad-dazju tas-sisa għandux ikollha dritt ta' rimbors tad-dazju titħalla f'idejn l-Istati Membri.

67. Tabilħaqq, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-interpretazzjoni tad-Direttiva esposta fil-konklużjonijiet preżenti hija bla ħsara għall-possibbiltà, fejn ikun previst mid-dritt nazzjonali, li persuna bħal WR li saret responsabbli għall-ħlas tad-dazju tas-sisa f'ċirkustanzi bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tiġi ppreżentata azzjoni għal kontribuzzjoni jew kumpens kontra persuna oħra responsabbli għal dak id-dazju tas-sisa [22].

## IV. Konklużjoni

68. Għal dawn ir-raġunijiet, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tirrispondi għad-domandi preliminari mressqa mill-Court of Appeal (il-Qorti tal-Appell, ir-Renju Unit) bil-mod segwenti:

– Il-kelma "żamma" fl-Artikolu 33(1) u (3) tad-Direttiva tal-Kunsill 2008/118/KE tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-arranġamenti ġenerali għad-dazju tas-sisa u li jħassar id-Direttiva 92/12/KEE, għandha tiġi interpretata fis-sens li tinkludi s-sempliċi pussess fiżiku bħalma hija s-sitwazzjoni ta' WR fil-kawża prinċipali.

– L-istess konklużjoni tapplika, *mutatis mutandis*, fir-rigward tal-Artikolu 38 ta' din id-direttiva, li skontu d-dazju tas-sisa huwa dovut, *inter alia*, minn "kwalunkwe persuna li pparteċipat fl-irregolarità". Persuna, bħalma hija WR, li tittrasporta prodotti u li tkun fil-pussess tagħhom

[21] C-579/18, EU:C:2019:875, punti 34 u 35.

[22] Ara, f'dan ir-rigward, is-sentenza tas-17 ta' Ottubru 2019, Comida parallela 12 (C-579/18, EU:C:2019:875, punt 44).

meta sseħħ l-irregolarità tista' titqies li "tipparteċipa" fl-irregolarità, anki jekk b'mod passiv u mhux intenzjonat biss.